# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' Nhar il-Gimgha 29 t'April 2016

**Kawza Numru : 3**
**Rikors Numru : 623/2005/1 JPG**

**Victor Mifsud (ID. 669962M) u martu**
**Frances Mifsud (ID. 354068M)**

**Vs**

**Victor Spiteri (ID. 442145M) u martu**
**Mary Grazia Spiteri (ID. 392545M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Victor Mifsud u martu Frances Mifsud ai termini tal-Artikolu 235 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tad-29 t'Ottubru 2014 fejn talab lil din il-Qorti :

*"...joghgobha tippronunzja ruhha dwar it-talba taghha dwar l-imghax u dan taht kull provvedimenti ohra li din l-istess Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi."*

Rat id-digriet taghha tad-29 t'Ottubru 2014;

Rat ir-risposta tal-Avukat Dr. Henry Antoncich tal-10 ta' Novembru 2014 li permezz taghha irrileva illi:

*"Illi bla pregudizju ghall-premess irid jinghad illi talba ab omissa decisione hija korrelata biss mas-sitwazzjoni fejn il-Qorti thalli barra mid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti. Il-kustjoni ta' l-imghaxijiet mhijiex talba."*

Rat d-digriet taghha sabiex tali risposta tigi rikostruwita stante li ma nsabitx fl-att tal-process;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat**:

Il-Qorti tqis illi t-talba saret in termini, cioe' fi zmien hmistax –il gurnata mid-data tas-sentenza ai temini tal-Artikolu 235 tal-Kapitolu 12. Jidher ukoll illi minkejja li r-rikorrenti ghamlu talba ghall-imghax, il-Qorti ma pprovdietx ghal dan fis-sentenza taghha. Ghalhekk dak sollevat mill-intimati mhuwiex sostenibbli.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti Victor u Francis konjugi Mifsud u tordna lill-intimati jhallsu l-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**